MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 170/2015

**Ab**

**-vs-**

**CB**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet kienu izzewgu fil-11 ta' Ottubru 2006 u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness bin-numru progessiv 1917/2006 Dok 'A';

Illi minn dan twieled tifel bl-isem MJ Dok 'B';

Illi ghalkemm il-partijiet huma legalment separati bis-sahha ta’ kuntratt tas-19 ta’ Ottubru 2012 li gie redatt quddiem in-Nutar Dottor Arianna Arapa, huma kienu ilhom de facto separati qabel ma isseparaw legalment u cioe mill-31 ta’ Mejju, 2009 Dok ‘C’;

Illi m’hemmx possibilita ragjonevoli li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw tant li l-partijiet ilhom jghixu hajja separati u ghal kollox indipendenti minn xulxin tul dawn is-snin kollha;

Illi dawn il-fatti hawn imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ April, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Ottubru 2012, izda ilhom de facto separati mill-31 ta' Mejju 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------